San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 1**
**Tat-Tmin Legislatura tal-Kunsill**
**saret nhar**
**it-Tlieta 5 ta' Mejju 2015 fil-7pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Pre\enti g]al-Laqg]a:**

| | |
|---|---|
| Graziella Galea | Sindku |
| David Thake | Vi`i Sindku |
| Alfred Grima | Kunsillier |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Paul Bugeja | Kunsillier |
| Matthew Barbara Stephen | Kunsillier |
| Cremona | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Anoinette Bezzina Daniel | Kunsilliera |
| Grima | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur F. Chircop | Segr. E\ekuttiv |
| | |
| **Sku\at/a:-** | Mandy Buhagiar |

**Assenti:- Xejn**

Il-laqgħa bdiet fis-7pm. Kulħadd kien prezenti minbarra l-Kunsilliera Mandy Buhagiar li kienet skuzata minħabba raġunijiet ta' xogħol.

***Hatra tas-Sindku – Graziella Galea***

Billi din hija l-ewwel laqgħa tal-Kunsill, il-laqgħa bdiet billi s-Sinjura Antonette Bezzina bħala l-aktar waħda anzjana eletta introduċiet il-laqgħa u offriet il-kariga ta' Sindku lil Graziella Galea. Graziella Galea qrat messagg u fil-prezenza tal-avukat aċċettat il-kariga ta' Sindku.

*Hatra ta' Vici Sindku – David Thake.*
Wara l-ħatra tas-Sindku, gie maħtur is-Sur David Thake bħala Vici Sindku.

*Affarijiet oħra.*

*Norwegian Grant.*
Stedina ta' safar lis-Segretarju Ezekuttiv u Sindku – Norwegian Grant.
Is-Sindku Graziella Galea spjegat li l-Kunsill kellu stedina biex jibgħat lis-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll imur is-Sindku tal-lokalitajiet li kienu ħadu sehem f'seminars u laqgħat ohra fuq skema tan-Norwegian Grant. Hija qalet li peress is-Segretarju Ezekuttiv kien ser jispicca u nħatar Kunsill ġdid ghandu jmur kunsillier minflok is-segretarju u hija ghandha tikkonferma minħabba raġunijiet ta' xogħol biex imorru n-Norvegja fil-25 ta' Mejju. Il-Kunsillier Joseph Vella propona li jmur il-Kunsillier Paul Bugeja u l-Kunsillier David Thake issekonda. Il-Kunsillier Alfred Grima spjega li jekk l-iskema kienet titlob li jmorru s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku għandu jsir hekk. Is-Sindku Graziella Galea qalet li ser tistaqsi lid-dipartiment jekk hux possibli jmorru żewg Kunsilliera minħabba li l-iskema kienet tesiġi li jattendi s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku.

***Clean Up – Let's Do It.***
Is-Sindku spjegat kif kien hemm talba biex issir attivita msejħa Let's Do It fejn Ta' Fraben fit-tieni gimgħa ta' Mejju. Ser jieħdu sehem madwar 150 voluntiera u l-Kunsill intalab jgħin billi jipprovdi żewg skips għall dan il-għan.

**Tabelli tat-toroq ġodda minn Blues Ltd.**
Is-Sindku Graziella Galea spjegat kif dawn l-aħħar jiem ġew installati diversi tabelli u sinjali tat-toroq ġodda madwar il-lokalita mingħajr ma' ntalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill fejn għandhom jehlu. Wara li ġie spjegat li dan il-kuntrattur għandu ftehim mall-Kunsill biex iwaħħal tabelli simili, Graziella Galea qalet li l-aħjar tintalab laqgħa mall-istess kuntrattur biex jattendi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

***Domain* tas-sit elettroniku tal-Kunsill.**
Il-Vici Sindku David Thake qal li s-sit elettroniku tal-Kunsill ġie *offline* u staqsa lis-segretarju għaliex sar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li *s-sit* elettroniku ma' ġiex imneħħi u ġiet mtella biss stampa li l-paġna elettronika tinsab *under construction* kif normalment isir ħalli jingħata ċans l-istess sit jiġi aġġornat minħabba li kien għadu kemm inħatar Kunsill ġdid u l-informazzjoni kollha flimkien mar-ritratti jridu jiġu aġġornati. Il-Vici Sindku talab biex is-segretarju jgħaddi l-informazzjoni ta' aċċess għall dan is-sit elettroniku ħalli jkun jista' jieħu hsieb jaġġorna l-paġna huwa u wara li s-segretarju

spjega li huwa personalment kien ħallas biex jiġġedded id-domain name kif isir kull sena, il-Kunsillier Paul Bugeja qal li għandu jkun hemm ħlas tal-ispejjes li saru u tgħaddi l-informazzjoni meħtiega biex dan is-sit jiġi aġġornat. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kif saru f'kazijiet preċedent għandu jitħallas l-ammont dovut lis-segretarju biex b'hekk tgħaddi l-informazzjoni tal-aċċess tas-sit elettroniku.

**<u>Għotja ta' kotba.</u>**

Il-Kunsill saritlu talba mill-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar biex jingħataw għajnuna f'xiri ta' kotba kif kien isir fis-snin preċedent. Is-Sindku Graziella Galea tablet li tingħata l-korrispondenza relatata ma' dan. Il-kunsillier Raymond Tabone qal li għandhom jinxtraw ammont ta' kotba għall-ammont ta' 300 ewro kif kien isir kull sena biex jingħataw fil-ġurnata tal-premjazzjoni li tiġi organizzata mill-istess skola. Il-Kunsillier Alfred Grima qabel ma' dan u talab biex kull minn ikollu talba simili għandu jagħmel dan minn qabel biex ikun hemm ċans titressaq quddiem il-mejda tal-Kunsill.

**<u>Aġġornament tal-laqgħa.</u>**

Billi l-aġenda ġiet ezawrita u ma' kienx hemm aktar punti mqajma, l-laqgħa ġiet aġġornata għal Hamis 14 ta' Mejju 2015 fis-7pm.

Perit Graziella Galea

Sindku

Frans Chircop
LIMIS, MBA, MPhil (Maastricht)
Agent Segretarju Ezekuttiv